# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis hamsa u ghoxrin (25) taʼ Jannar 2018**

**Rikors Numru 179/14 FDP**

**Dr Simon Busuttil**
**(ID 242669M)**

**vs**

**Perit Daniel Micallef bhala President u Dr Lydia Abela bhala Segretarja Ezekuttiva, in rappresentanza tal-Partit Laburista**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-16 ta’ Mejju 2014 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti is-segwenti:

*Previa li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-ispot politiku mxandar fuq l-istazzjon "Television Malta' fl-erbatax (14) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) u fil-granet sussegwenti intitolat ‘Miliun u Nofs Direct orders', kemm fl-assjem tieghu kif ukoll permezz ta' frazijiet individwali li tqieghdu flimkien, kien jikkontieni allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku u jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, kif ukoll joholqu f’mohh il-pubbliku l-ideja li huwa gideb, u/jew li huwa hati ta' xi korruzzioni, u/jew li huwa hati ta' agir hazin u/jew illegali.*

*Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa listess Onorabbli Qorti, ema somma ma teccedix l-ammont ta' hdax-il elt sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646.00) bhala danni b'applikazzjoni t dwar l Istampa, Kapo. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-ispot pubblicitarju mtella mill-Partit Laburista fuq l-istazzjon televiziv nazzjonali Television Malta u li dwaru nbdew il-proceduri odjerni, ippresentat mir-rikorrent.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppresentata fil-11 ta' Gunju 2014 fejn laqghu ghal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti eccezzjonijet:

*Preliminariament ai termini tal-artikolu 23 tal-l-Att dwar l-Istampa (Kap 248) l-azzjoni attrici ma titmexxa kontra l-eccepjenti fil-kwalita' li huma mharrka.*

*F'kull kaz u minghajr pregudizziu ghas-sueccepit*

*It-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Il pubblikazzjoni msemmija mill-attur m'hijiex libelluza fil-konfront tieghu.*

*Il-fatti msemmija fil-pubblikazzjoni jikkonsistu fi kritika politika ta' persunagg politiku, fi kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-ligijiet ta' l-istampa kif ukoll taht il-Kostituzzjoni u taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. L- attur kellu rimedii biex jikkontradici jew jispjega il-fatti li ma kienx jaqbel maghhom, b'mod li m'ghandux ghalfejn jirrestringi jew jattakka l-liberta' ta' l-espressjoni tal- avversarji politici tieghu.*

*In kwantu l-pubblikazzjoni tikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta interess pubbliku, accettabli f'socjeta' demokratika taht il-Kostituzzjoni u taht il Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u Drittijiet tal-Bniedem.*

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Dr Simon Busuttil**, ippresentat fl-10 ta' Ottubru 2014 u d-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Simon Manicaro**, rappresetant tal-Awtorita' tax-Xandir, moghtija fis 6 ta' Novembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Christopher Ciantar** moghtija fis 6 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Daniel Micallef** moghtija fid-19 ta' Jannar 2015 u fis-26 ta' Frar 2015.

Rat it-traskizzjoni ta' l-ispot televiziv meritu tal-kawza odjerna u prodott mir-rikorrent fis 26 ta' Jannar 2015 (fol 48).

Rat illi fis 26 ta' Jannar 2015 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet il-kontro ezami tar-rikorrenti moghtija fis 16 ta' Novembru 2015.

Rat l-affidavit tal-Perit Daniel Micallef ppresentat fis 17 ta' Ottubru 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat l-affidavit ta' **Nigel Vella**, ko-ordinatur fit-Taqsima tal-Informazzjoni tal-Partit Laburista, ippresentat fit 12 ta' Dicembru 2016.

Rat illi fid 9 ta' Marzu 2017 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat illi fid 9 ta' Marzu 2017 il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijet finali.

Rat is-sottomissjonijet finali tar-rikorrenti ppresentati fl-4 ta' Mejju 2017.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur ta' l-intimati, replikata mid-difensur tar-rikorrent, illi saret fis 16 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fis-16 ta' Ottubru 2017 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat l-Perit Daniel Micallef huwa l-President tal-Partit Laburista filwaqt illi Dr Lydia Abela hija s-Segretarja Generali tal-istess Partit Laburista.

Jirrizulta illi x-xandira ossija 'spot politiku' illi gie imxandar u li dwaru nieda l-proceduri odjerni r-rikorrent gie prodott u mtella mill-Partit Laburista, illi tieghu l-intimati huma legalment responsabbli.

Jirrizulta illi ghalkemm Nigel Vella jiddikjara fix-xhieda tieghu illi huwa kien il-persuna responsabbli ghal tali xandira, minn harsa lejn ix-xandira ma hemm ebda indikazzjoni dwar min kien l-awtur jew il-persuna responsabbli ta' tali xandira, ghajr illi tali xandira ttella mill-Partit Laburista, u ghalhekk, id-difiza li l-azzjoni ma setghetx titmexxa kontra l-intimati a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap 248 ma jregix stante illi l-awtur tal-kitba jew l-editur ma setghux jigu identifikati u ghalhekk l-intimati, bhala l-persuni legalment rappresentattivi tal-Partit Laburista, ghandhom jitqiesu bhala resposabbli ghall-pubblikazzjoni, ossija xandira meritu tal-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi meta ttellghet ix-xandira politika approvata mill-Awtorita' tax-Xandir fit-13 ta' Mejju 2014 u l-granet ta' wara bhala parti mill-Kampanja Elettorali ghall-Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew illi inzammew fl-24 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent kien il-Kap tal-Partit Nazzjonalista u ghalhekk ukoll Kap tal-Opposizzjoni.

Jirrizulta illi l-Partit Nazzjonalista kien ippresenta varji kandidati ghall-Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti, Dr Simon Busuttil, illi huwa Avukat bi professjoni, kien inghaqad u sar parti mid-ditta ta' avukati bl-isem ta' Ganado Sammut Advocates fis-sena 1994.

Jirrizulta illi d-ditta Ganado Sammut kellha socjeta illi giet inkorporata fis-sena 2003 intiza sabiex tipprovdi konsulenzi dwar l-Unjoni Ewropeja bl-isem ta' Europa Research and Consultancy Services Limited, f'liema ditta, eventwalment fis-sena 2006, issiehbet bhala azzjonist is-socjeta EMCS Investments Limited, liema socjeta EMCS akkwistat 50% tal-kumpannija filwaqt illi s-socjeta Gansam Holdings Limited, li kellha bhala azzjonisti lit-tlett avukati tad-ditta Ganado Sammut Advocates, inkluz ir-rikorrent, kellha ir-rimanenti 50%.

Jirrizulta illi fil-bidu tas-sena 2011, id-ditta legali Ganado Sammut ma' baqghetx topera filwaqt illi l-operat tas-socjeta Europa Research and Consultancy Services Limited, li baqghet bl-istess azzjonisti, thalliet f'idejn l-azzjonista EMCS Investments Limited, u dana b'effett mill-1 ta' Lulju 2012.

Jirrizulta illi l-kumpannija Europa Research and Consultancy Services Limited ghadha esistenti sa' llum, bl-istess azzjonisti illi kellha, inkluz dik tar-rikorrent Dr Simon Busuttil, illi ghandhu terz tal-ishma tas-socjeta Gansam Holdings Limited illi hija mbghad ghandna nofs l-ishma tas-socjeta Europea Research & Consultancy Services Limited.

Jirrizulta, ghalhekk, illi r-rikorrent, sa llum, ghandu sehem ta' 16.7% tas-socjeta Europa Research & Consultancy Services Limited.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi fix-xandira illi ttellghet mill-Awtorita' tax-Xandir u li kienet tal-Partit Laburista u li dwarha qed issir il-kawza odjerna, in-narratur jinstema jghid is-segwenti: (fol 49-50)

> *"Il-kumpannija li fiha hemm Simon Busuttil hadet miljun u nofs ewro f'kuntratti* u direct *orders*
>
> ....
>
> *Xejn hazin. Miljun u nofs minghand Gvern Nazzjonalista f'kuntratti* u direct orders.
>
> ....
>
> *Fosthom konsulenzi dwar irziezt tal-hniezer, ftuh ta' wine bars u trobbija tal-fniek"*

Jirrizulta illi minn dokumentazzjoni esebita mill-intimati, illi hija gabra ta' sensiela ta' Domandi Parlamentari illi saru dwar dhul tad-ditti jew kumpanniji li maghhom kellu konnessjoni r-rikorrent ghall-periodu 1998 sa 2013, kumpanniji jew ditti illi maghhom kien involut r-rikorrent inghataw b'kollox €1,031,238.33, u dana kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| PQ 8442 | Ufficcju tal-Prim Ministru | €41,265.86 |
| PQ 8449 | Ministeru tal-Ekonomija | €1,100.00 |
| PQ 8452 | Ministeru tal-Edukazzjoni | €23,944.09 |
| PQ 8454 | Ministeru tal-Energija | €24,444.33 |
| PQ 8445 | Ministeru tat-Turizmu | €7,229 |
| PQ 8450 | Ministeru tal-Ambjent | €15,718.35 |
| PQ 8455 | Ministeru tal-Affarijiet Socjali | €91,489 |
| PQ 8438 | Ministeru tal-Finanzi | €24,780.04 |
| PQ 8431 | Ministeru tat-Trasport | €49,015.56 |
| PQ 8429 | Ministeru tal-Affarijiet Barranin | €197,416.03 |
| PO 8436 | Minsteru ghal Ghawdex | €32,393 |
| PQ 8435 | Ministeru tal-Ambjent | €521.337.34 |
| | | |
| TOTAL | | €1,031,238.33 |

Jirrizulta ukoll, skond PQ 8435 illi s-socjeta Europa Research & Consultancy Services Limited, flimkien ma' tlett kumpanniji ohra, inghatat tender ta' "*Mechanical and Biological Treatment Plant in the North of Malta*", liema tender kellu l-valur ta' €1,984,173.40.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent huwa persuna politika, eletta mic-cittadin sabiex jirrappresentah ghall-ahjar interessi ta' Malta, kif ukoll kien ukoll Kap tal-Opposizzjoni meta saret ix-xandira illi dwarha huwa jilmenta.

Jirrizulta illi x-xandira saret mill-Awtorita' tax-Xandir bhala parti mix-xandiriet tal-varji partiti illi kienu qed isiru dawk iz-zmienijiet in konnessjoni mal-kampanja elettorali ghall-Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew u xxandret fuq it-Televizjoni Nazzjonali.

Jirrizulta, mill-provi prodotti mill-intimati, illi kumpanniji illi maghhom ir-rikorrent kellu involviment bejn is-sena 1998 sas-sena 2013 inghataw xoghol bi ftit aktar minn tlett miljun Euro.

Jirrizulta illi x-xandira illi minnha jilmenta r-rikorrent, filwaqt illi taghmel referenza ghall-dikjarazzjoni illi kien ghamel pubblikament ir-rikorrent meta jinstema jghid "*Jiena dahhalt fl-ahhar tliet snin li ccekkjajt inqas mill-minimum wage fis-sena*" ddikjarat illi "*Il-kumpannija li fiha hemm Simon Busuttil hadet miljun u nofs Euro f'kuntratti u direct orders*"

Jirrizulta illi tul ix-xandira kollha, jintqal illi l-kumpannija illi fiha kien involut ir-rikorrent, u mhux ir-rikorrent personalment, kien dahhal tali flejjes, liema dikjarazzjoni jidher illi giet ampjament ippruvata bid-dokumentazzjoni esebita quddiem dina l-Qorti.

Jirrizulta illi l-kummenti illi dwarhom qieghed jilmenta r-rikorrent kienu kummenti illi intqalu minn partit politiku, bhalma huwa l-Partit Laburista, kontra esponent ta' partit politiku oppost, bhalma huwa l-Partit Nazzjonalista, meta kienet fl-eqqel taghha il-kampanja elettorali ta' ghall-Elezzjoni tal-MEP's ta' Mejju 2014, u ma jistax ma jitqiesx bhala kritika politika ta' persunagg politiku fuq kwistjoni ta' interess pubbliku illi ghandu jkun accettabbli f'socjeta demokratika.

Jirrizulta, di piu, illi tali xandira ttellghet mill-Awtorita' tax-Xandir, u ghalhekk il-qarrej jew, fil kaz odjern, it-telespettattur ordinarju kien ben konxju tal-fatt illi tali kummenti kienu qed isiru fl-isfond ta' kampanja illi kienet ghaddejja, liema telespettatur ordinarju ghandhu jitqies illi huwa intelligenti bizzejjed sabiex jifhem illi dak illi qieghed jintqal huwa kritika politika dwar persunagg politiku, bhalma kien ir-rikorrent, fil-posizzjoni tieghu ta' Kap tal-Opposizzjoni.

Jirrizulta, finalment, illi peress li l-fatti kif esposti fix-xandira li dwarha jilmenta r-rikorrent jirrizultaw sostanzjalment veri u, aktar u aktar, in vista tal-fatt illi r-rikorrent huwa persuna politika illi hija soggetta ghall-livell ta' kritika gholja kif ukoll anke ghal provokazzjoni u esagerazzjonijiet, il-kummenti illi saru fix-xandira ghandhom jitqiesu bhala accettabbli fis-socjeta demokratika Maltija u certament ma jistghux jitqiesu bhala malafamanti u libelluza fil-konfront tar-rikorrenti peress illi kienu kummenti illi kienu jirrifletti l-hsiebijiet politici ta' dan iz-zmien ibbazati fuq fatti illi l-Partit Laburista kien ikkonstata u li dwarhom inhasset il-htiega illi jikkummentaw wara illi r-rikorrent kien iddikjara illi kien dahhal bhal dhul*"fl-ahhar tliet snin li ccekkjajt inqas mill-minimum wage fis-sena".*

## Konkluzjoni

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimati,

**Tilqa** l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta’ l-intimat, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur